TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

## Fit-Tribunal tal-Konsumatur

Fl-atti tat-Talba CCT 91/22/F

**Norbert u Frances Agius**

vs

**Portelli & Brincat Limited**

Illum, 13 ta' Frar 2023

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat mir-Rikorrent nhar is-17 ta' Ġunju 2022 kif ukoll id-dokumentazjoni annessa;

Ra li s-soċjetà intimata ġiet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bil-formola tar-Risposta nhar it-28 ta' Ġunju 2022 f'idejn ċertu "Mauro Portelli";

Ra lis-soċjetà intimata naqset milli tippreżenta risposta u naqset ukoll milli tidher għas-seduta tal-5 ta' Diċembru 2022 li għaliha kienet debitament notifikata;

Sema' x-xhieda tar-Rikorrent Norbert Agius bil-ġurament.

**Ikkonsidra:**

Illi permezz tat-talba tagħhom ir-Rikorrenti qed jitolbu li jiġu rifużi s-somma ta' mija u sebgħin Euro (€170.00) li huma kienu ħallsu bħala *deposit* lis-soċjetà intimata meta huma ordnaw *blinds* mingħandha nhar il-11 ta' Jannar 2022.

Illi l-istess Rikorrent spjega li minkejja li kienu ħallsu d-*deposit* kif mitlub, il-*blinds* in kwistjoni baqgħu qatt ma waslu u dan nonostante li kien hemm ħafna insistenza minn naħa tagħhom kemm telefonikament kif ukoll tramite l-assistenza tal-MCCAA.

Illi s-soċjetà intimata effettivament naqset milli tqajjem difiżi in kontestazzjoni tat-talbiet tar-Rikorrent.

Illi t-Tribunal iqis li r-Rikorrenti irnexxielhom jipprovaw il-każ tagħhom b'mod sodisfaċenti skont il-liġi u għalhekk, it-Talba tagħhom timmerita akkoljiment.

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, u fiċ-ċirkostanzi tal-każ, wara li ra l-Kapitolu 378 tal-Liġijiet ta' Malta, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jilqaħa u jikkundanna lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-Rikorrenti is-somma ta' mija u sebgħin Euro (€170.00).**

**Spejjeż ta' dawn il-proċeduri ikunu a karigu tas-soċjetà intimata.**

**Avv. Mattia Felice**
***Arbitru***